

Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

11648/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0200(NLE)

FISC 176
ECOFIN 1006
CH 38

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzeri dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja
tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Konfederazzjoni Żvizzera
dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji
sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 115, flimkien mal-Artikolu 218(5) u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali¹ ("il-Ftehim") tejjeb l-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet fiskali bejn il-Partijiet Kontraenti u tejjeb il-konformità fiskali internazzjonali.
- (2) Ġew approvati bidliet importanti fil-livell internazzjonali fl-Istandard Komuni ta' Rappurtar (CRS) tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi fis-26 ta' Awwissu 2022u dawn ġew inkorporati fil-leġi tal-Unjoni permezz tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226², li emendat id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE³.
- (3) Fil-21 ta' Mejju 2024, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera ("l-Iżvizzera") għal emenda tal-Ftehim biex jiġu riflessi l-bidliet fis-CRS approvati fil-livell internazzjonali. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali ("il-Protokoll Emendatorju").

¹ ĠU L 385, 29.12.2004, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2004/911/oj.

² Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226 tas-17 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni ĠU L, 2023/2226, 24.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2226/oj>.

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/16/oj>).

- (4) Il-Protokoll Emendatorju jespandi l-ambitu tar-rapportar għas-CRS biex jinkludi prodotti finanzjarji diġitali ġodda, bħall-Prodotti ta' Ħlas Elettroniċi Speċifikati u Muniti Diġitali tal-Bank Ċentrali filwaqt li fl-istess ħin jintroduċi rekwiżiti tar-rapportar aktar dettaljati u proċeduri msaħħa tad-diliġenza dovuta. Jintroduċi wkoll dispożizzjonijiet dwar l-assistenza reċiproka fil-ġbir ta' taxxi diretti u indiretti bejn l-Unjoni u l- Iżvizzera u jaġġorna r-referenzi għal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data tal-Partijiet Kontraenti.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Protokoll Emendatorju jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni.
- (6) Sabiex jiġi żgurat li l-bidliet għas-CRS japplikaw mill-1 ta' Jannar 2026 b'allinjament u reċiproċità mal-istandard globali u mal-leġi korrispondenti tal-Unjoni u biex jiġi ffaċilitat il-bidu tal-ħidma tal-Kumitat Konġunt, emendi stabbiliti fil-Protokoll Emendatorju dwar ċerti Artikoli tal-Ftehim, annessi tal-Ftehim u dikjarazzjonijiet, jenħtieġ li jiġu applikati b'mod provviżorju.
- (7) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

- (8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/518/KE⁵ ddikjarat li, għall-attivitajiet kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, l-Iżvizzera titqies li ttipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni tad-data personali ttrasferita mill-Unjoni. Ir-rapport tal-Kummissjoni tal-15 ta' Jannar 2024 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-ewwel rieżami tal-funzjonament tad-deċiżjonijiet ta' adegwatezza adottati skont l-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE jikkonferma li l-Iżvizzera għadha qed ttipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni għad-data personali ttrasferita mill-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/518/KE tas-26 ta' Lulju 2000 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata tad-data personali previst fl-Iżvizzera (ĠU L 215, 25.8.2000, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2000/518/oj>).

⁶ Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1995/46/oj>).

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali huwa b'dan awtorizzat fisem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll Emendatorju⁷.

Artikolu 2

L-emendi stipulati fl-Artikolu 1 tal-Protokoll Emendatorju dwar l-artikoli tal-Ftehim, l-annessi tal-Ftehim u d-dikjarazzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu applikati b'mod provviżorju, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tal-Protokoll Emendatorju, mill-1 ta' Jannar 2026, sakemm jidħol fis-seħħ:

- l-Artikolu 1(1), subparagrafi (m) u (u);
- l-Artikolu 2;
- l-Artikolu 3;
- l-Artikolu 4p;
- l-Anness I;
- l-Anness III;
- id-Dikjarazzjonijiet Konġunti tal-Partijiet Kontraenti.

⁷ It-test tal-Protokoll Emendatorju huwa ppubblikat fi ... [daħħal ir-referenza tal-ĠU].

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
